Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 212/2016

Il-Pulizija

Vs

Miguel De Giorgio

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Miguel De Giorgio detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 18859 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Mid-9 t' Novembru, 2015 sal-11 ta' Jannar, 2016 fil-Gzejjer Maltin:

1. Naqas milli jaghti lil Diana De Giorgio, is-somma ta' hamest elef ewro ffissata min dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 t' April, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (z) tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahrejn detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Miguel De Giorgio, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 t' April, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponent minn kull htija u piena, jew tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn il-Qorti sabitu hati u tirrevokaha fejn ikkundanatu piena ta' prigunerija ta' xahrejn u minflok taghtih piena inferjuri, iktar ekwa u gusta tenut kont tac-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Miguel De Giorgio huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi permezz ta' digriet tad-9 ta' Novembru, 2015 liema digriet gie pprezentat mill-mara tar-rikorrent in sostenn tat-talba taghha, il-Qorti kkonkludiet illi fil-fehma taghha, id-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru, 2013 ghandu jibqa' invarjat. Il-Qorti ghalhekk cahdet ir-rikors tl-attur tal-5 t' Awwissu u laqghet ir-rikors tal-konvenuta tal-25 t' Awwissu 2015. Pero', l-ebda wiehed minn dawn ir-rikorsi ma gew ipprezentati mill-mara tal-imputat, kif lanqas ma' gie ipprezentat id-digriet originali tat-2 ta' Dicembru, 2013. Konsegwentament ma hemm l-ebda prova li turi illi l-appellant kiser l-obbligu tieghu li jhallas is-somma ta' hamest elef ewro bhala manteniment skond kif kien imputat bl-akkuzi odjerni.
2. Illi minghajr pregudizzju, f' kull kaz ir-rikors tal-konvenuta tal-25 t' Awwissu 2015 u s-sussegwenti digriet tad-9 ta' Novembru, 2015 u jew l-imputazzjonijiet jew proceduri odjerni huma lezivi tad-drttijiet tal-appellant peress illi huwa qed jigi rinfaccjat b' piena karcerarja ghall-inadempjenza kuntrattwali u dan bi ksur tad-dispost tal-ewwel Artikolu tal-Protocol Numru 4 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet

Fundamentali tal-Bniedem, u dan kif ser jirrizulta ampjament fit-trattazzjoni orali ta' dan l-appell, fejn minn issa l-appellant qed jirriserva d-dritt tieghu illi jitlob referenza kostituzjonali fit-termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

3. Illi f' kull kaz l-imputazzjoni kienet preskritta ghar-raguni indikata fil-verbal tat-18 t' April, 2016.
4. Ili f' kull kaz il-piena inflitta ta' xahrejn prigunerija hija manifestament eccessiva fic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti iressaq diversi lanjanzi diretti lejn id-decizjoni impunjata, izda qabel ma din il-Qorti tinoltra ruha f'ezami serjatim ta' dawn l-ilmenti, hija tal-fehma illi qabel xejn ghandu jigi ikkunsidrat it-tieni aggravvju sollevat mill-appellanti. Dan meta huwa jikkontendi illi d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tad-09 ta' Novembru 2015 fejn l-ammont dovut ta' €5000 in linja ta' spejjez jew ahjar arretrati dovuti ghall-edukazzjoni tal-ulied minuri tal-koppja De Giorgio gew konvertiti fi hlas ta' manetniment biex dak li kien jikkostitwixxu dejn civili u inadempjenza kontrattwali versu l-kredituri tieghu gew konvertiti f'manteniment. Dan fil-fehma ta'l-appellanti huwa leziv tad-drittijiet fondamentali tieghu bi ksur ta' dak dispost fl-ewwel artikolu tal-Protocol numru 4 tal-Konvenzjoni Ewopeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan peress illi bid-digriet tal-Qorti dejn civli gie konvertit f'manteniment biex b'hekk l-appellanti gie assoggettat ghal proceduri penali ghall-kummissjoni ta' reat fejn dan ir-reat ma kienx jezisti.

Issa jekk id-digriet tal-Qorti Civili fejn l-ammont dovut bhala arretrati ta' mizati ta'l-iskola gew konvertiti f'manteniment sabiex b'hekk l-inadempjenza kontrattwali tal-appellanti issarraf fil-kummissjoni ta' reat, fejn reat qabel ma kienx jezisti, huwiex leziv tad-drittijiet fondamentali tieghu o meno, ma taqax certament fil-manzjonijet ta' din il-qorti ta' revizjoni, u fil-fatt tezorbita mill-kompetenza taghha. Dan ghaliex:

***"Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghandha biss gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni ta' appelli maghmula skond it-Titolu V tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali u l-funzjoni taghha hija ta' Qorti ta' Appell li tirrevedi decizjonijiet li minnhom jista' skond it-Titolu msemmi jsir appell u konsegwentement tikkonferma, tannulla jew tirrevoka d-decizjoni ta' l-ewwel grad.[1]"***

L-appellanti jekk jidhirlu ghandu jadexxi lil *forum* kompetenti li tista titratta din il-vertenza, izda certament din il-lanjanza ma tistax tigi deciza minn din il-Qorti. Il-Qorti madanakollu hija tal-fehma illi jekk hija tghaddi ghal gudizzju taghha f'dan l-istadju jista' jinholoq pregudizzju irriparabbli ghall-appellanti fl-eventwalita li l-kundanna tigi ikkonfermata.

Ghald dawn il-motivi, l-Qorti qed tipprefiggi terminu ta' gimghatjen sabiex l-appellanti jivventila dina il-lanjanza quddiem il-Qorti kompetenti u cioe' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonal) u fin-nuqqas tghaddi ghad-decizjoni taghha fuq il-mertu u ghalhekk tiddiferixxi l-kawza ghall-informazzjoni ghat-23 ta' Frar 2017.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

[1] Ir-Repubblika vs Dr. Lawrence Pullicino App.26/07/1993